Fil-mixja ta' l-iżmna, tal-għerf in-nixxiegħa
Mhux dejjem issawret mill-moħħ ta' ġnus kbar.
In-nieqes u ż-żejjed huma aħwa fil-ħajja:
Kull ħlieqa meħtieġa għall-ogħna u l-aħjar.

Ningħaqdu qalb waħda, bħal aħwa f'familja,
Id-dgħajjef mal-għaref, iċ-ċkejken mal-kbir;
U d-dell ta' l-imgħoddi naħarbu kemm nistgħu
Għax dan li jifridna, bil-ġlied u t-tagħjir.

Hekk, sħiħa u magħquda, nissaħħu bil-faraġ.
Li jħaddar lil qalbna b'tamiet għall-ġejjien
U jirfed lil ħsiebna bil-ħeġġa żagħżugħa,
Li tħassar u taħfer kull għelt ta' daż-żmien.

U t-tfajla marida, ma' ġensha l-imżeblaħ,
Tinfatam sa fl-aħħar mill-ħqir u taħbit
U tifhem li d-dinja maħluqa għaliha,
Xħin tħoss li qed taqsam il-ħajja mill-ġdid.

---

# Imqarraq

*Tal*-KAN. Ġ. M. FARRUGIA

Ara taħsbu li jien Poeta,
Ħbieb mal-Musa m'għamilt qatt,
Meta xtaqt ħbieb magħha nagħmel,
Bħal Ikaru, mal-blat ħbatt.

Iżda t-tama f'qalb il-bniedem
Donnha tnibbet friegħi ġodda,
Għalkemm jiesi naqta' messni,
Bħal ħabiba bqajt ingħoddha.

Iżda ntbaht li jekk dan nagħmel,
Żgur imqarraq jien inkun:
Għax min wiċċ il-ħmar ried jaħsel
Ħela r-ragħwa wis-sapun.

Ja ħbieb, mela, għożżu kliemi
Sabiex għali ma jkollkomx:
La tistrieħu, la timteddu,
Jekk il-friex ma jesagħkomx.



# Hekk Kien Miktub

*Ta'* A. CREMONA

*(Jaqbad mal-għadd ta' Marzu, 1945)*

Dak il-lejl stess qabel ma sebaħ, nies il-mejjet saru jafu illi ġid Feliċ kien jinsab imsakkar f'dak is-senduq. Dlonk, għalhekk, in-nisa sejħu lil nieshom; Mananni lil żewġha Majsi, lil bintha Wenza u lil binha Pinu, li dik il-lejla ngabar kmieni u ħalla x-xogħol ta' xi ġarr bit-*truck* mill-ajrudromi ta' Ħal Luqa f'idejn ieħor minn sħabu; Dolor, mill-banda l-oħra, sejħet lil bintha Żeżina, li kienet titkellem wara l-bieb mal-għarus tagħha, li mal-li sema' bil-mewt taz-ziju tal-għarusa, hekk kif sarlu l-ħin li jiż-monta mis-servizz ta' suldat fl-Imtarfa għal xi sagħtejn, kien niżel jiġri jsib l-għarusa u jieħu l-aħbarijiet minn għandha. Ftieh-mu li huma n-nisa jitkellmu ma' Tona u l-irġiel mal-Prokuratur biex bħala nies fil-qrib tal-mejjet ikunu jafu bħal ħaddieħor il-ġid li dana ħalla. Sadattant mhux ħlief tarahom telgħin u neżlin dak il-ħajt ta' taraġ dejjaq u jittawlu lis-senduq.

Kien għoddha saret is-siegħa; dak il-lejl is-sirena kienet għadha ma semmgħetx leħinha, u milli kien jidher, ma kienx biħsiebha ssemmgħu biex tikser in-nagħsa tan-nies u ġġagħlhom iqumu biex idabbru rashom. Iżda ma laħqitx għaddiet ħmistax-il-minuta fuq is-siegħa x'ħin fil-ħemda ta' qiegħ il-lejl instemgħet f'daqqa waħda ċċarrat l-ajru t-tnewwiħa tagħha...... u lanqas ma laħqet tkaxkar l-aħħar għajtiet tagħha meta f'daqqa waħda, mal-ġiri ta' nies għaddejjin instama' ż-żanżin irqiq ta' ajruplani u l-isparar tal-kanuni mill-art għal fuqu; u iktar ma joqrob il-ħoss taż-żanżin ta' l-ajruplan, iktar ukoll jiżdied l-isparar, bla ma jaqta', tal-kanuni mill-batteriji ta' Binġemma, tal-Beżbiżija, Tal-Ħlas u tal-Madliena.

Ħin bla waqt instemgħet bħal tisfira fl-ajru fil-qrib, u wara ftit, tfaqqigħa ta' bomba li riegħdet l-art u l-ħitan tad-dar tal-mejjet Feliċ, ħsejjes ta' ħġieġ jitkisser, u mewġa qawwija ta' riħ li fetħet it-twieqi beraħ u tfiet id-dawl tal-lampa tal-kamra fejn kienu qegħdin xi qraba tal-mejjet, fosthom Rożina u Wenza.

—"X'waħda din!"—u ma' din l-għajta li ħarġet minn fomm in-nisa kulħadd qam minn fejn kien. L-irġiel, li x'uħud kienu fejn il-mejjet u l-oħrajn fil-kamra tas-senduq, fittxew xi toqba minn fejn joħorġu bid-dawl tal-lampa tnemnem quddiem